24 ta' Jannar, 1949.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Salvu Camilleri

**Ilma — Tħaffir ta' Mini taħt l-Art — "Water Board" — Reat Permanenti — Preskrizzjoni — Art. 6 ta' l-Ordinanza XII ta' l-1943.**

*Il-fatt ta' min iħaffer il-art għall-ilma, u li dak it-tħaffir baqa' jeżisti bla ma l-awtorità kompetenti tkun setgħet tara jekk b'dak it-tħaffir hijiex sejra ssir ħsara għall-iskopijiet tal-liġi dwar l-ilma taħt l-art u l-konservazzjoni u d-distribuzzjoni tiegħu, huma vjolazzjoni li tipprotraji ruħha, u għalhekk reat permanenti. Għaldaqstant il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni penali ma tibdiex tgħaddi sakemm tibqa' teżisti dik il-vjolazzjoni tal-liġi.*

L-imputat ġie mressaq quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, sedenti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, biex jirrispondi għall-imputazzjoni illi Wied Ħażrum, limiti ta' Ħad-Dingli, ħaffer żewġ mini taħt l-art biex isib l-ilma bla ma ġieb permess tal-"Water Board". Dik il-Qorti, bis-sentenza tagħha tal-24 ta' Novembru 1948, sabitu ħati u kkundannatu għall-piena tal-multa ta' £5, u ordnat li l-mini bekk imħaffra jiġu mimdudin għas-spejjeż ta' l-imputat taħt is-sorveljanza tal-Pulizija fi żmien xahar mil-lum, taħt penali ta' nofs lira kuljum fil-każ ta' nuqqas;

L-imputat appella minn dina d-deċiżjoni, u dina l-Qorti, wara li reġgħet semgħet il-provi..... ......, ikkunsidrat;

Il-gravam li qiegħda tiddeduċi d-difiża kontra s-sentenza ta' l-Ewwel Istanza hu ndikat fil-verbal fol. 18, jiġifieri:—

1. Jekk ir-reat hu dak li l-imputat naqas li javża fi żmien tliet xhur, allura r-reat huwa istantaneu, u għadda ż-żmien tal-preskrizzjoni;

2. Jekk ir-reat hu dak misjub mill-Ewwel Qorti, ir-reat mhux permanenti, u għalhekk għaddiet il-preskrizzjoni;

Id-difiża ssottomettiet li r-reat mhux dak misjub mill-Ewwel Qorti, għaliex dak ir-reat jissupponi bir li ġà jeżisti, mentri f'dan il-każ ix-xogħol ta' l-ispejjer u x-xogħol tal-mini kien xogħol wieħed;

Mill-provi li semgħet il-Qorti (xhieda tas-surveyor Baldacchino u xhieda tal-perit Mangion) deher li fil-1943 l-impu-

tat kien talab u ottjena li jhaffer spjera (shaft) fil-lokalità ndikata fiċ-ċitazzjoni. Fis-26 ta' April 1947 l-imputat kiteb lid-Dipartiment interessat l-ittra li tidher fl-oriġinal tagħha fol. 26 ta' l-inkartament, li fiha talab "to complete the works of my shaft which I have started in May 1943". Il-perit Mangion bagħat lil Baldacchino biex jinvestiga, u dan sab illi l-imputat kien għamel fil-fond tax-"shaft" żewġ mini, waħda kull naħa, twila kull waħda minnhom 58 pied, u fit-tarf ta' waħda minnhom hu kien għamel bil-barramina toqba ta' 30 pied (bore-hole). L-imputat xehed u qal li x-xogħol kollu, spjera u mini, kien lest fi żmien disa' xhur mill-permess ta' l-1943;

Issa l-każ hu ċar. L-ewwel eċċezzjoni ta' l-imputat tidher pjuttost bażata fuq malintiż, li aktarx oriġina mill-fatt li fis-sentenza jinsab ċitat l-art. 4 ta' l-Ord. XII ta' l-1943 minbarra l-artikoli 6 u 11 ta' dik l-Ordinanza, li huma suffiċjenti u l-uniċi għall-motivazzjoni u dispożitiv tas-sentenza. Dina ċ-ċitazzjoni ta' artikoli superfluwa hi aktarx dovuta għall-fatt li fis-sentenza jiġu traskritti, mhux dejjem b'konformità eżatta għal dak li jkun qiegħed jiġi ritenut, mhux biss l-artikolu jew l-artikoli li jkunu jagħmlu għall-każ kif deċiż mill-Qorti, imma wkoll dawk l-artikoli li jkunu ġew notati fuq iċ-ċitazzjoni bħala alternativi. Kummkwe, għal dan il-każ, skond id-dispożitiv, jgħodd l-art. 6, għaliex hu dan li jikkontempla, fl-inċiż (b), il-każ, kif ritenut mill-Ewwel Qorti, peress li jimponi l-projbizzjoni tiegħu f'dawn it-termini :— "No existing well shall be deepened, widened, or otherwise enlarged or modified in any way". U preċiżament l-Ewwel Qorti rriteniet illi l-imputat, bla permess tal-Water Board, kien, minbarra l-ispjera li għaliha kellu permess, u li taqa' taħt id-definizzjoni komprensiva ta' "well" li hemm fl-art. 2 tal-Liġi, ħaffer anki bla permess żewġ mini, u b'hekk immodifika l-bir;

Tibqa' għalhekk l-eċċezzjoni l-oħra illi r-reat hu istantaneu u kwindi għaddiet il-preskrizzjoni;

In-natura tar-reat hi, bla dubju, importanti għall-finijiet tal-komputu tal-preskrizzjoni. Jekk ir-reat hu istantaneu, allura t-terminu jibda jgħaddi malli jsir il-fatt vjolatur; mentri jekk ir-reat hu permanenti jew kontinwu, allura l-preskrizzjoni ma tibdiex tgħaddi ħlief mill-ġurnata li fiha tispiċċa l-

azzjoni permanenti jew kontinwata li tkun qiegħda tivvjola l-liġi;

Il-ġurisprudenza dwar din il-"vexata quaestio" kienet kopjuża. u ġiet eżaminata 'fundite" mill-Imħallef sedenti fis-sentenza App. Krim. "Pulizija vs. Bartoli", 4 ta' Ġunju 1938. Jidher sod il-kriterju, indikat mill-awtur Matteo Pescatore. imsemmi fis-sentenza App. Krim. "La Polizia vs. Concetta Carestia", 20 ta' Mejju 1916, sedenti l-Prim Imħallef Sir Vincent Frendo Azopardi. Qal dak l-awtur, u bir-raġun. illi "per sapere quando un reato possa dirsi esaurito, bisogna aver riguardo al fatto che la legge abbia voluto reprimere, o, in altri termini, bisogna tener conto della definizione legale del fatto incriminato e decidere secondo la natura propria, continuata od istantanea, del fatto medesimo. Per accertare tale natura è uopo porre attenzione all'obbietto giuridico del reato, ossia al diritto formante oggetto della violazione. Se questo è permanente, di guisa che il delinquente si trova in ciascun istante in istato di reato per tutto il tempo in cui il fatto posto in essere con l'azione delittuosa continua a sussistere, si ha in quel fatto il reato permanente". Dan il-kriterju, jiġifieri li għandha tiġi approfondita n-natura vera tal-vjolazzjoni, ġie adoperat mill-Prim Imħallef Sir Arturo Mercieca fis-sentenza "La Polizia vs. Antonio Caruana". App. Krim. 8 ta' Jannar 1927, fejn ġie rilevat li, għalkemm ir-reat seta' jidher mod, però, fir-realtà, kien jammonta għal vjolazzjoni permanenti;

Issa, eżaminata l-vjolazzjoni b'dan il-kriterju, jiġi li f'dan il-każ hi tikkonsisti fil-li jsir tħaffir fl-art għall-ilma, u li dak it-tħaffir jibqa' jeżisti bla ma l-awtorità kompetenti tkun setgħet tara jekk b'dak it-tħaffir hijiex sejra ssir ħsara għall-iskopijiet kontemplati mill-liġi dwar l-ilma ta' taħt l-art u l-konservazzjoni u d-distribuzzjoni tiegħu. Hu ċar li din hija vjolazzjoni li tipprotraji ruħha. u li għar-rigward tagħha, għalhekk, it-termine tal-preskrizzjoni lanqas biss beda jiddekorri skond il-liġi;

Is-sentenza appellata hi għaldaqstant sewwa. L-appell hu konsegwentement miċħud u s-sentenza konfermata. It-terminu jibda jgħaddi mil-lum. Żmien għall-ħlas tal-multa xahar mil-lum.